MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 312/2011

**A B**
**vs**
**Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina b' digriet tat-8 ta' Novembru 2011 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C E F D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**
Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremetta u talab hekk:
Illi l-esponenti zzewget lil C Aid Ali D fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2010 (Ara Dok. "B" hawn unit) u matul dan iz-zwieg u cioe' fis-17 ta' Novembru 2010 twieldet tifla li jisimha G.

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, eccessi, sevizzi, ngurji gravi, swat,

mohqrija, abbandun, u minhabba li l-hajja matrimonjali tfarrket irrimedjabilment.

Illi fit-12 ta' Dicembru 2010 l-intimat C E F D kien gie deportat minn Malta lejn il-Libja u dana wara li kien diga' abbanduna d-dar matrimonjali. Illum l-esponenti ma tafx fejn hu.

Illi l-esponenti ghalhekk qed tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewggha u b'digriet tad-9 ta' Gunju 2011 dina l-Onorabbli Qorti awtorizzata tipprocedi bic-citazzjoni opportuna.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut C Aid Ali D.

Tafdala l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri G.

Tordna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici ghaliha u ghat-tifla minuri G.

Tordna lill-konvenut sabiex okkorrendo ihallasjew jikkonsenja lill-esponenti l-proprjeta' parafernali taghha.

Tiddikjara xjolta l-kornunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividi u tassenja l-istess f'zewg porzjonijiet ugwali.

Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parte, d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55A tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni .

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Novembru 2011 li permezz tieghu innominat kuraturi deputati ghall-konvenut assenti.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha issottomettew illi mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk jirnexxielhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz.

Rat li l-kuraturi deputati baqghu ma pprezentawx risposta ultejuri fil-mertu.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

PROVI.

Mic-certifikat taz-zwieg ezebit a fol.9 tal-process jirrizulta li l-partijiet izzewgu hawn Malta fis-26 ta’ Frar 2010. Mic-certifikat tat-twelid tal-minuri G ezebit a fol 10 tal-process jirrizulta li l-minuri twieldet l-Italja u hija bint l-attrici ghalkemm fuq ic-certifikat ma hux indikat isem il-missier.

L-attrici li hi ta’ nazzjonliata’ Taljana xhedet bil-mezz tal-affidavit li jinsab ezebit a fol.40 u xhedet hekk:

“Jien sirt naf il-C Aid D madwar sitt snin ilu f'Bugibba ghax kellna habib komuni certu Baha. Wara ftit li kont nafu bdejna niltaqaw aktar frekwenti bhala hbieb ghalkemm wara xi xahar min fuq it-telefon hu kien prezentani lil missieru bhala il-mara tieghu u t-tifel li jien ghandi minn relazzjoni ohra qalilhom li kien it-tifel tieghu. Dak iz-zmien hu kienjigi u jmur minn Malta minhabba il-visa u ma konniex noqghodu fl-istess saqaf izda hu kienjoqghod ma xi hbieb tieghu meta jigi Malta. Kemm il-darba kien isaqsini biex nizzewgu izda jien kont dejjem nghidlu li ma kontx ghadni lesta ghax hu kien ihobb jixrob l-alkohol u jisker u jghamila ma kumpanija mhux xierqa. Hu kien jirrabja hafna fuq hekk ghax hu kien ga qal il-familja tieghu li ahna mizzewgin u li jista joqghod hawn Malta izda dan ma kienx minnu. Fit-2007 kont hrigt tqila minnu pero kont mort l-isptar b'emergenza meta kelli xi 9 gimghat tqala u

tlift it-tarbija. Dak iz-zmien C kien qieghed il-Libya u qatt ma kien cempilli biex jara kif jiena. Lanqas lil-familja tieghu, ma kien qalli jien qeda l-isptar u li tlift it-tarbija ghalkemm kien qalilhon li jien tqila. Wara dan l-episodju hu kien gie lura Malta u ghal perijodu kien inbidel fejn ma baqax jixrob u anka qatgha milli jghamila ma certu nies mhux xierqa. Wara ftit xhur kien rega talabni biex nizzewgu anka habba il-problema tal-visa u habba li l-familja tieghu kienu minalihom li ahna ga mizzewgin specjalment wara il-fatt li jien kont hrigt tqila minnu u dak dnub kbir jekk ma tkunx mizzewweg. B'hekk hadt id-decizjoni li nipruvaw u anka habba il-fatt li iz-zewg it-tfal li ghandi mir-relazzjoni precedenti kienu drawh u ghalijhom kien sar parti mil-familja.

Wara xahrejn u nofs li izzewwigna telaq mid-dar u mar jghix ghal rasu ma habib tieghu certu Nouriddeen. Kull meta kont inkun miguwgha jew kienu izommuni l-isptar kien jghidli li nirrah inmut jien u it-tarbija u biex ma nkomplix incempillu u indejqu ghax hu ma kellux aktar x'jaqsam maghna. B'hekk jien ma kellix ghajr li niffirma biex nohrog mil-isptar kontra il-parir tat-tobba, ghax ma kelli il-hadd iktar biex jehodli hsieb it-tfal l-ohra. It-tfal il-kbar kelli nibghathomn Sqallija ghand missieri ghax jien kont diehla u hierga l-isptar u ma stajtx niehu hsiebhom u hu ma kienx jkun ta' ghajnuna. Darba minnhom meta kelli sitt xhur u nofs tqala kien sawwatni u tilifni min sensija u hallini hemm wahdi sa kemm gejt f'tieghi. Meta qaluli li kelli bzonn inwelled cesarjajien tlabtu l-ghajnuna ghax ridt naghmel mal-hames t'jiem l-isptar wara ic-cesarja u kelli bzonn l-ghajnuna mat-tarbija u anka biex jiehdu hsieb it-tfal l-ohra izda hu ma riedx jghini f'xejn. Kull ma kien lest jaghmel hu li jigi ghaxar minuti jara it-tarbija u xejn iktar. Dan ma kienx bizzejjed u ghalhekk ma kellix ghajr iehor li mmur inwelled Sqallija fejn kelli is-support ta' missieri u il-familja tieghu.

Sa kemm it-tifla kellha sena il-kuntatt ma C kien biss bil-mobile u generalment hu kien dejjem jispicca jghajjat, joffendi, jidghi u jtini mil-ghar.Meta it-tifla kienet ha taghlaq sena il-familja tieghu ghamlu kuntatt mieghi u talbuni biex nitla il-Libya halli jiccelebraw gheluq l-ewwel sena tat-tifla

flimkien u anka sa biex inkunu prezenti ghat-tieg ta huh li kien ha jizzewweg fl-istess zmien. jien accettajt u huma irrangawli biex jmur. Sa kemm konna hemm Mahmoud bil-kemm kien jghati kasna u meta jarana kien biss biex jaqla il-paroli u niggieldu. Darba minnhom spicca anka gholla idejh fuqi u qasamli rasi. Minhabba f'hekkjien ma stajtx nigi lura u kelli intawwal iz-zmien li qadna hemm kontra dak li kelli ippjanat sa kemm tghaddili il-qasma li ghamilli. Habba f' hekk anka it-tfal tilfu iktar minn hmistax skola. Missieru kien ghal darba ohra irrangali u xtrali it-tickets biex nigu lura.

F'Awissu 2012 missieru kellu accident gravi bil-karozza u spicca ferut serjament. Meta kellimt il-familja tieghu talbuni biex niehu it-tfal ha jarhom u jien hassejtni obbligata lejhom fl-istess hin ma xtaqtx li missieru jigi nieqes u ma jkunx lahaq ra lit-tifla b'hekk kont accettajt li nerga nitla.

Kemm il-darba illitikajna u darba minnhom it-tifel kien gie imwerwer jghidli li Mahmoud qallu li hajoqtolni u li it- tfal kienu hajibqaw il-Libya wahedhom. Meta smajt hekk u peress li nafli hu kien kapaci jghamilha qbadt it-tfal u il-passaporti u il-ftit flus li kelli mohbijia u hrabt lejn it-Tunizja.

Meta kont kwazi wasalt lejn l-ajruport got- Tunizja, Mahmoud irnexxilu jsibni.

Wara li gejna lura sirt nafukoll minn ohtu li hu kien f'relazzjoni ma kugina tieghu, certu Nagiya u li din kienet qed ittih il-flus kemm biex seta ihallas il-pulizija, kemm biex jghijixna il-Libya u anka sa biex jirranga il-karti halli it-tifla izomma il-Libya mieghu. Wara xi gimgha meta ikkonfrontajtu b'dan hu rega refa idu fuqi u kien taghni xeba kbira tant li kelli bzonn immur l-isptar biex jarawni. Ta' dan ghandi diversi ritratti li juru id-daqqiet li qlajt. Hu kien hallini hemm wahdi mat-tobba waqt li hu kien hareg barra hdejn habib tieghu u wara meta gie biex jigborni xammejtu li kien xorob xi alkohol. Meta mort lura id-dar u bl-ghajnuna ta xi hbieb minn Malta ghamilt kuntatt mal-ambaxxata Taljana fi Tripli. Dawn kienu jcemplu kuljum

biex jaraw kif jiena. Wara xi jiem, meta Mahmoud ma kienx id- dar qbadt it-tfal u tlaqt kif kont minajr bagalji u minajr passaporti lejn l-Ambaxxata Taljana. Il-passaporti kienu jinsabu mizmumin ghand Mahmoud kontra il-volonta tieghi min mindu gejna lura mit-Tunizja fit 19 ta' Awissu u ghadhom ghandu sal-lum. Hemmhekk huma zammewna gol-ambaxxata ghal sitt ijiem sa kemm irrangawli il-karti kollha necessarji sa biex jien u it-tlett tfal tieghi stajna nigu lura Malta.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Mill-provi mhux kontestati imressqa mill-attrici jirrizulta li z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment tort tal-konvenut C Aid Ali D. Id-diversi episodji mill-hajja matrimonjali tal-partijiet kif deskritti mill-attrici huma elenku ta’ cirkostanzi gravissimi ta’ kif zwieg m’ghandux ikun.

Dwar it-talba tal-attrici sabiex il-konvenut jigi kundannat ihallasha manteniment, ma ngabu l-ebda provi fir-rigward, la dwar x’inhuma l-mezzi tal-partijiet u lanqas dwar x’inhuma l-htigijiet tal-attrici. Ghalhekk din it-talba ser tigi respinta.

L-attrici qed titlob ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas manteniment ghall-minuri G. Kif gia’ osservat supra, fic-certifikat tat-twelid tal-minuri rilaxxjat mill-awtoritajiet Taljani f’Augusta, fi Sqallija, kunjom il-minuri huwa moghti bhala B, kunjom l-omm, u mhux kunjom il-konvenut. Inoltre isem il-konvenut ma hux indikat bhala l-missier tant li fl-ispazju imholli ghall-isem tal-missier thalla vojt. Presumibilment l-attrici ma informatx lill-awtoritajiet Taljani li hija mizzewga. Ghalhekk fin-nuqqas ta’ provi li l-konvenut huwa missier il-minuri, it-talba sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas manteniment ghall-minuri ser tigi respinta, bla pregudizzju ghall-attrici li terga tipproponi t-talba ghall-manteniment tal-minuri jekk ‘il quddiem issir il-prova li l-konvenut huwa missier il-minuri.

Artikolu 48 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma illi ghandha tistabbilixxi d-data meta l-konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha hu hati tal-firda bhala s-26 ta' Frar 2011, sena wara z-zwieg tal-partijiet.

Dwar ir-raba' talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti din hija konsegwenzjali ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali. Dwar il-likwidazzjoni tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, mill-provi imressqa ma irrizultaw l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

DECIDE.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod segwenti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut minhabba eccessi, sevizzi, ngurji gravi, swat, mohqrija u abbandun.
2. Tilqa' t-tieni talba u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri G esklussivament f'idejn l-attrici A B.
3. Tichad it-tielet u r-raba talba.
4. Tilqa' l-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tiddikjara li ma hemm l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti x'jigu divizi u assenjati.
5. Tilqa' s-sitt talba, tiddikjara d-data meta l-konvenut ghandu jkun kunsidrat hati tal-firda bhala s-26 ta' Frar 2011 u konsegwentement b'applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap. 16 tiddikjara li l-konvenut tilef fil-konfront tal-attrici (a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827tal-Kap.16; (b) dak kollu li kiseb minghand l-attrici b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu; u (ċ) kull jedd tal-konvenut għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-attrici wara s-26 ta' Frar 2011.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut C E F D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------